KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 89

**Il-Ħamis 28 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Vella – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

89.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

89.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

89.2.2 Ġie nnutat li fl-aġġornament, minflok 8:20pm għandu jitnizzel id-9:35pm, il-ħin ezatt li spiċċat il-laqgħa. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 89.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

89.3.1 Is-Sindku informa li minn ġurnata għall-oħra għandu jitla' l-iscaffolding madwar l-arloġġ u għaldaqstant jingħata bidu għar-restawr tiegħu.

89.3.2 Fir-rigward ta' Gnien is-Sinjura, is-Sindku informa li kienet ġiet ippubblikata l-offerta għad-dawl ġdid u li saret id-*direct order* għall-gym equipment. Sadanittant kienet se ssir ukoll
89.3.3 applikazzjoni għall-iskema ta' Sebbah il-Lokal fejn il-Kunsill kien fic-cans li jirbaħ sa massimu ta' €50,000 f'fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar.

89.3.4 Is-Sindku informa wkoll li kienet ġiet ippubblikata l-offerta tal-M&E tat-torri tal-arloġġ u din se tinfetaħ fi ftit ġranet oħra.

89.3.5 Is-Sindku ssuġġerixxa biex is-SE tesplora l-possibbiltà li parti mill-ispazju tal-bejt tal-kunsill jintuza għat-tpoġġija ta' pannelli mixtrija mir-residenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Min-naħa tagħha, is-SE infurmat li fil-prezent kien hemm skema offruta mill-Gvern Ċentrali imma li kienet se tipprova ssib xi informazzjoni dwar dan is-suġġeriment.

89.3.6 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni li l-*floodlight* ta' Gregorio Carafa hija mitfija. Is-SE infurmat li jidhrilha li kien hemm xi deċizjoni tal-Kunsill dwar dawn il-*floodlights* fil-passat. Hija kienet se tfittex fil-minuti u tinforma lill-Kunsill.

89.3.7 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Fenech u tas-Sindku, kien hemm qbil li għandu jsir tentattiv biex naraw teħilx *floodlight* temporanja mal-aħħar arblu li fih l-elettriku fi Triq Dar il-Kaptan biex jagħti għal fuq iz-zona li ma fihiex dawl.

89.3.8 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien wieħed mill-Kunsilli li bbenefikaw mill-iskema mnedija mid-DLG fejn kien rebaħ is-somma ta' €3000 biex jintuzaw għall-*out door gym* ta' Ġnien is-Sinjura.

89.3.9 Is-Sindku ta *update* dwar il-proġett tal-pjazza. Huwa informa li l-periti kienu għaddew il-pjanti u l-BOQ's u li kien għadda kollox lill-MTIP għall-evalwazzjoni.

89.3.10 Is-Sindku informa li fil-prezent kien għadu għaddej l-ezerċizzju mal-periti biex jizdiedu aktar parkeġġi. Fil-fatt fil-prezent kienu qed jaħdmu fuq pjan għal Triq it-Torri tal-Arloġġ, quddiem Binja Buqana, fejn hemm il-ħsieb li jizdiedu madwar 20 parkeġġ.

89.3.11 Is-Sindku informa li biex ir-residenti ma jibqgħux fis-sitwazzjoni prezenti, kien se jingħata l-ewwel saff tarmak fi Triq il-Konti Salv Manduca, sakemm tiġi proċessata l-proċedura kollha għall-esproprjazzjoni tat-triq. Huwa semma li fil-ġranet li ġejjin għandhom jitkomplew ukoll it-toroq ta' ħdejn l-iskola primarja. Huwa kkonferma wkoll li se jinbeda x-xogħol fuq Triq Proserpina.

## 89.4 Jum l-Imtarfa – Għoti tal-Ġieħ, Mertu u Premju Twanny Bugeja

89.4.1 Is-Sindku informa li kien qed jesplora l-possibbiltà biex l-attività ta' Jum l-Imtarfa tieħu xehra differenti għal din is-sena. Għaldaqstant propona li ssir l-attività tal-qari tal-poezija imma tkun inkorporata ma' pasta night fil-pjazza. Wara ssuġġerixxa li jkun hemm band. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni kemm-il darba ssir b'dan il-mod.

89.4.2 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-7:50pm.

Is-SE għaddiet numru ta' nominazzjonijiet li kienet irċeviet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-premijiet jingħataw kif ġej:

Ġieħ l-Imtarfa – Baden Powell Scouts (għax xogħol li jagħmlu fil-komunità)
Mertu l-Imtarfa – Alison Bonello (rebħet zewġ medalji tal-bronz fl-ispecial olympics)
Premju Twanny Bugeja – Madlen u Reuben Seychell (għax-xogħol ħafna minnu volontarju li jagħmlu mal-Kunsill)

## 89.5 Rapport dwar spejjez b'relazzjoni mal-ġemellaġġ ma' Pumpherston

89.5.1 Is-SE skuzat ruħha u infurmat li reġgħet ma kinitx laħqet lestiet dan ir-rapport u kienet se tipprova tlaħħqu għal-laqgħa li jmiss.

## 89.6 Tneħħija ta' assi minn fuq l-inventarju

89.6.1 Is-SE prezentat lista ta' affarijiet li se jitneħħew minn fuq l-inventarju minħabba li m'għadhomx jiffunzjonaw. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 89.7 Bord tal-evalwazzjoni fuq Offerta Nru. MTFLC/002/2019 – *Supply and installation of mechanical and electrical services at the Clock Tower Mtarfa LC*

89.7.1 Kien hemm qbil li minbarra s-SE u l-APO, fuq il-bord ikun hemm is-Sindku, il-Kunsillier Fenech u s-Sur Arthur Perici.

## 89.8 Bord tal-evalwazzjoni fuq Offerta Nru. MTFLC/003/2019 – *Supply and delivery of light fittings and luminaires for Ġnien is-Sinjura, Mtarfa*

89.8.1 Kien hemm qbil li minbarra s-SE u l-APO, fuq il-bord ikun hemm is-Sindku, il-Kunsillier Fenech u s-Sur Arthur Perici.

## 89.9 Ingaġġ ta' *Data Protection Officer*

89.9.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tal-AKL fejn dawn kienu qed ifakkru lill-Kunsill li s-servizz tas-Sur Ian Magro bħala DPO kien se jiskadi. Għaldaqstant kienet qed tissuġġerixxi li titqabbad il-kumpanija Boom Consultancy Ltd għall-prezz ta' €4800. Hija infurmat li kwotazzjonijiet oħra għall-istess servizz kienu jmorru 'l fuq minn €7000.

Kien hemm qbil li titqabbad din il-kumpanija għall-perjodu ta' sena.

89.9.2

## 89.10 Punti oħra

89.10.1 Is-SE infurmat li Ambjent Malta kienu kkonfermaw l-aċċettazzjoni tal-proġett tar-rijabilitazzjoni tal-bosk u għandu jiġi ffirmat MoU fil-ġranet li ġejjin. L-ammont li se jingħata l-Kunsill kemm f'xogħol kif ukoll fi spejjez kien ta' €30,000.

89.10.2 Is-SE infurmat li l-aħħar skrivan li kien ġie ingaġġat kellu jirtira mix-xogħol minħabba saħħa u għaldaqstant l-iskema kienet se tibgħat skrivana bħala prova fuq bazi ta' *reduced hours* li tibda xogħol min-nhar it-Tnejn li ġej. Hija infurmat li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta kienet qablet li tingħata *allowance* ta' €75 fix-xahar. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

89.10.3 Is-SE infurmat li kienet irċieviet appell mingħand kuntrattur li kien ġie skwalifikat. Hija spjegat li dan kien qed jallega li l-Kunsill ippermetta li jiddaħħlu offerti wara l-ħin tal-iskadenza. Hija spjegat li din hija sistema kompjuterizzata u bl-ebda mod ma tista' tintmiss. Barra minn dan, huwa qed jallega li l-ispiza tiegħu hija ġustifikabbli. Is-SE infurmat li l-avukati tal-Kunsill kienu daħħlu rapprezentazzjoni f'isem il-Kunsill u min-naħa tal-amministrazzjoni kienu bagħtu l-file kollu lill-PCRB biexjiġi investigat.

89.10.4 Sadanittant kien hemm qbil li ladarba l-kuntratt tal-knis huwa skadut, għandu jitqabbad kuntrattur differenti biex inaddaf madwar il-lokalità b'effett mit-Tnejn l-1 ta' April.

89.10.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Imtarfa Home biex jitnaqqas parkeġġ minħabba li kellhom diffikultà biex joħorġu mill-garaxx. Kien hemm qbil li dan għandu jitneħħa.

89.10.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Imtarfa Drama Group fejn dawn kienu qed jitolbu dawl li jagħti għal fuq il-proprjetà tagħhom, wifi u anke CCTV. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jassigura li jkun hemm bozza fi Triq l-Anzjani u ssir applikazzjoni mal-MCA għal *free wifi*.

89.10.7

Is-SE infurmat li l-MAGF kienu ħarġu sejħa għall-applikazzjonijiet u għaldaqstant kienet se tieħu ħsieb li titfa' applikazzjoni għall-proġett ta' bejn Triq San Oswald u Triq is-27 ta' April. Il-Kunsill qabel.

## 89.11 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana

89.11.1 Il-Kunsillier Mifsud semma' li kien għaddej bix-xogħol tal-ktejjeb u li l-ħsieb kien li jiġi ppubblikat sa Mejju.

89.11.2 Is-Sindku staqsa lill-President jekk jistax jagħti donazzjonijiet lill-Kunsilli bħalma jagħmlu reġjuni oħra. Is-Sur Mifsud informa li dan ma kienx possibbli għar-Reġjun Tramuntana.

89.11.3 Hawnhekk kien hemm deċizjoni li titneħħa l-istruttura ta' Triq Antonio Ellul.

## 89.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

89.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 89.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

89.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:20pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 ta' April 2019 fis-7:15pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' April 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |